QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 711/00 DM

Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc gia Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Borg Cold Stores Ltd u l-istess Borg Cold Stores Ltd

Vs

Frank Grima

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' disa mija seba' u disghin lira u tlieta u erbghin centezmi (Lm997.43) in kwantu ghal disa' mija u tnejn u sebghin liri tlieta u erbghin centezmi (Lm972.43c) lis-socjeta attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lis-

socjeta attrici Borg Cold Stores Ltd – in linea ta' danni minnhu kagunati u minnhu sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Gharghur fl-20 ta' Novembru 1999 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru COS 777 habat mal-vettura Nru AAI 965 propjeta tas-socjeta attrici Borg Cold Stores Ltd u misjuqa minn Paul Pereire – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mit-28 ta' Frar 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Grima fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, stante li l-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Novembru 1999 bejn Paul Pereire, s-sewwieq tal-vettura Nru AAI 965, u l-eccipjenti li dak il-hin kien qed isuq il-vettura numru COS 777, gara unikament tort u htija tal-istess Paul Pereire u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2 Stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda amont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni risultanti minn dan l-incident;

3 Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-10 ta' Ottubru 2001 fejn il-konvenut iddikjara illi l-kontestazzjoni ma tirrigwardax il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni grat bejn il-vettura AAI 965 misjuqa minn Paul Pereire u l-vettura COS 777 misjuqa minn Frank Grima u li dawn iz-zewg vetturi kienu qieghdin jigu misjuqa f'direzzjoni opposta u z-zewg karreggjati kienu mifrudin minn xulxin b'linja bajda maqtugha.

Ir-ritratti mmarkati minn dokument R1 sa R4 a fol 31 (tal-process) juri b'mod car il-kurva, u l-karreggjati li fiha kienu qieghdin jinsaqu l-vetturi in kwistjoni.

Billi z-zewg sewwieqa jallegaw illi kienet il-vettura l-ohra illi kienet invadiet il-karreggjata tieghu, dak li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti huwa liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija dik li hija sorretta mill-provi u mic-cirkostanzi tal-kaz biex ghalhekk tiddikjara dik il-verzjoni l-iktar verosimili u kredibbli.

Mill-isketch illi jinsab esibit a fol 15 (tal-process) li ma giex ikkontestat minn ebda wiehed mis-sewwieqa, jirrizulta illi l-vettura tal-konvenut spiccat kompletament fuq il-karreggjata tas-sewwieq Paul Pereire waqt illi l-vettura misjuqa minn Paul Pereire kienet almenu spiccat wara l-habta bin-nofs taghha fil-karreggjata li kien qieghed isuq fiha l-konvenut.

Waqt li l-konvenut isosstni illi huwa kellu jisposta ruhu kompletament fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta minhabba illi sab lil Paul Pereire qieghed isuq fil-karreggjata tieghu u kellhu jghamel dik il-manuvra biex jevita il-kollizzjoni, Paul Pereire jghid illi huwa sab lill-konvenut digia' fil-karreggjata tieghu u ghalhekk assuma illi l-konvenut ried effettivament jibdel il-karreggjat biex imur ghal fuq 'side road' fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Izda Paul Pereire f'ebda mument ma jispjega ghaliex il-vettura tieghu kienet almenu bin-nofs taghha qieghdha tinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, infatti fid-deposizzjoni tieghu mkien ma jallega illi huwa

pprova jghamel xi manuvra biex jevita il-kollizzjoni, anzi jsosstni illi sab lill-konvenut qed isuq fuq in-naha hazina tat-triq u dan baqa' diehel fih.

Inoltre l-istess Paul Pereire fid-deposizzjoni tieghu tas-6 ta' Marzu 2002 jiddikjara illi ma kienx induna illi kien hemm il-linja bajda intermittenti li kienet qieghed taqsam iz-zewg karreggjati f'dak il-hin tal-incident. Ghalhekk huwa fil-fatt qieghed jaghti iktar verosimilijanza lill-allegazzjoni tal-konvenut billi ma jaghtix spjegazzjoni ghaliex il-vettura tieghu spiccat b'parti minnha fil-karreggjata tal-istess konvenut.

Min-naha tieghu l-konvenut huwa wkoll sorrett fil-verzjoni tieghu mill-fatt illi l-'brake marks' li halliet il-vettura tieghu jibdew minn gol-karreggjata li kien qieghed isuq fuqha u dawn it-'tyre marks' huma ndikattivi tal-manuvra li ghamlet il-vettura tal-konvenut wara illi nduna bil-prezenza tal-vettura tal-atturi.

Ghalhekk billi dawn il-'brake marks' jibdew sew minn gol - karreggjata illi kienet destinata ghalih, jirrizulta illi l-konvenut, meta tfacca Paul Pereire fuq il-post, u kellhu japplika l-brakes, kien qieghed isuq sew fil-karreggjata tieghu u ghalhekk hija ferm kredibbli l-verzjoni tal-istess konvenut illi kellhu jisposta ruhu kompletament fuq in-naha l-ohra tat-triq biex jevita l-iskontru mal-vettura misjuqa minn Paul Perreire fil-karreggjata tal-konvenut.

Ghaldaqstant issib illi kien effettivament l-istess Paul Pereire illi kien qieghed isuq il-vettura tal-atturi Borg Cold Stores illi ghandhu responsabbilta esklusiva ghal dan l-incident u ghaldaqstant qieghdha tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

...................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia

Dep / Reg Civil 43

711/00DM